# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Marzu, 2017.**

**Rikors Numru 1057/2013 SM**

**Carmelo Taricisius Joseph Valentinus**
***sive* Charles Pullicino (K.I. Nru 618664)**

**vs.**

**1. Rose Vassallo, Toni Pullicino, Doris Borg u Jane Pullicino, Joseph Pullicino, Nancy Carlson bhala werrieta flimkien mar-rikorrenti tad-defunta Maria Carmela *sive* Carmen Pullicino armla minn zewgha Paul Pullicino;**

**2. Rose Mary Vassallo (K.I. Nru. 28847(M) ghal kull interess li jista' jkollha;**

**3. Jacqueline Borg (nee` Magro) K.I. Nru 41667M) bhala werrieta universali tad-defunt Joseph Magro u;**

**4. Direttur tar-Registru Pubbliku.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi twieled l-Inghilterra fit-8 ta' Novembru, 1964, (ara foll 5);

1.2. Illi l-omm registrata fl-att tat-twelid hi Rose Pullicino u l-missier mhux indikat, (ara foll 5);

1.3. Illi sussegwentement, b'digiret datat is-7 ta' Mejju, 1981, gie adottat mill-genituri tal-mama` tieghu, (ara foll 6);

1.4. Illi omm ir-rikorrenti llum hi mizzewga Vassallo u ghandha l-karta tal-identita` bin-numru 28847M;

1.5. Illi l-omm naturali tar-rikorrenti kellha 17 il-sena meta kellha lir-rikorrenti;

1.6. Illi l-istess omm ir-rikorrenti kienet minorenni u mhux mizzewga;

1.7. Illi kienet imgieghla taghti lir-rikorrenti ghall-adozzjoni lill-genituri taghha stess;

1.8. Illi fir-rigward, lanqas il-missier naturali, (Joseph Magro), ma kien gie kkonsultat fir-rigward tal-adozzjoni *de quo*;

1.9. Illi r-rikorrenti kien jaf min kienet l-omm naturali tieghu;

1.10. Illi l-omm naturali tieghu kienet qaltlu min kien missieru – li llum jinsab mejjet;

1.11. Illi r-rikorrenti kellu biss ftit granet ta' kuntatt mal-missier naturali tieghu;

1.12. Illi l-omm naturali tar-rikorrenti dejjem kienet f'hajtu;

1.13. Illi intavola procedura ghar-ricerka ta' paternita` u jirrizulta li effettivament Joseph Magro fuq indikat hu l-missier naturali tieghu;

1.14. Illi in vista tal-premess adixxa din il-qorti biex din:

1.14.1. Tordna li l-inkartament tal-procedura tal-adozzjoni tar-rikorrenti jigu annessi f'din il-procedura;

1.14.2. Tordna t-thassir *contrario imperio* tad-digriet t'adozzjoni in dizamina datat is-7 ta' Mejju, 1981;

1.14.3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti numru 490/1984, fil-kolonna rigwardanti l-genituri adottivi tieghu jigu minflok inseriti il-konnotati ta' Rose Vassallo nee` Pullicino u Joseph Magro, l-genituri naturali tieghu, u jigu mhassra d-dettalji kollha l-ohra tal-kolonni li jgibu n-numru sitta (6), sebgha (7), tmienja (8), u disgha (9) tal-istess certifikat tat-twelid, u *cioe`* jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fuq l-istess, biex b'hekk il-kunjom prezenti tar-rikorrenti jigi sostitwit b'kunjom missieru naturali Magro;

1.14.4. Bl-ispejjez;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata d-29 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha d-Direttur intimat irrisponda sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi din il-qorti mhix kompetenti *ratione materiae*;

2.2. Illi skont l-artiklu 115(3)(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fl-1981 kien mehtieg biss il-kunsens tal-omm ghall-finijiet tal-adozzjoni;

2.3. Illi ai termini tal-artiklu 115(4)(a) tal-istess Kap fuq indikat fl-1981 il-qorti kompetenti kellha d-dmir tisma' lill-missier naturali fir-rigward biss jekk dan ikun:

2.3.1. Gharaf lil ibnu;

2.3.2. Ikkontribwixxa ghall-manteniment tieghu; jew

2.3.3. Wera interess genwin u kontinwu fih;

2.4. Illi ghalhekk fil-kaz tal-adozzjoni in dizamina l-kunsens tal-missier naturali ma kienx mehtieg;

2.5. Illi biex ir-rikorrenti jirnexxielu jhassar u jirrevoka l-proceduri tal-adozzjoni jehtieg li jipprova tliet (3) fatturi:

2.5.1. Illi l-omm naturali ma kienitx taf bil-proceduri tal-adozzjoni;

2.5.2. Illi hi qatt ma tat il-kunsens taghha fir-rigward;

2.5.3. Illi l-omm naturali m'accettatx l-adozzjoni ta' binha;

2.6. Illi permezz tad-digriet tal-adozzjoni skattaw l-effetti kollha tal-artiklu 121 tal-istess Kap 16, u konsegwentement, giet terminata b'mod permanenti kull forma ta' rabta min mal-genituri naturali;

2.7. Illi kuntrarju ghal dak rikjamat mir-rikorrenti fit-3 paragrafu tar-rikors guramentat promotur tieghu, (ara foll 2), id-dokument a foll 6 tal-process mhux "certifikat tat-twelid", kif minnu asserit, izda estratt mir-Registru tal-Persuni Adottati;

2.8. Illi ghalhekk, it-tielet (3) talba tar-rikorrenti, (ara foll 3), ma tistax tigi akkolta *stante* li l-att li qed issir referenza ghalih mir-rikorrenti hu estratt mir-registru tal-persuni adottati u mhux certifikat tat-twelid originali kif minnu asserit;

2.9. Illi ghalhekk l-imsemmi att qatt ma jista' jigi korrett kif mitlub;

2.10. Illi persuna adottata ma tistax tattakka l-att tat-twelid gialadarba hemm digriet t'adozzjoni *stante* li l-att t'adozzjoni hu att tat-twelid tal-persuna adottata bid-dettalji tal-genituri adottivi;

2.11. Illi *di piu`*, l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat;

2.12. Illi ghalhekk m’ghandux jigi kkundannat jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ta’ din il-procedura;

2.13. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta’ Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 116), u kif sussegwentement estiza, (ara foll 126);

4. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-1 t’Awwissu, 2016, (ara foll 117), flimkien man-nota ta’ sottomissjonijiet tad-Direttur intimat;

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

7. Illi preliminarjament tirrileva li hlief ghad-Direttur intimat, l-intimati l-ohra baqghu fi stat ta’ kontumacja ghakemm l-intimata Rose Vassallo intavolat dikjarazzjoni guramentata, (ara foll 87);

Ikkunsidrat:

8.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

8.1. Illi permezz ta’ din il-procedura r-rikorrenti qed jipprova jimpunja l-adozzjoni tieghu li kienet saret fis-7 ta’ Mejju, 1981, (ara foll 6);

8.2. Illi r-ragunijiet ghal dan it-tentattiv li r-rikorrenti qed jistrieh fuqhom huma s-segwenti:

8.2.1. In-nuqqas ta’ kunsens ghall-adozzjoni *de quo* da parti tal-genituri naturali tieghu;

8.2.2. Il-volonta` tieghu li jigi rikonoxxut it-twelid naturali tieghu mill-genituri bijologici tieghu;

8.3. Illi r-rikorrenti jafferma li meta twieled il-mama` tieghu kellha sbatax- (17) il sena, (ara foll 2), u l-istess persuna interessata ssosstni li kellha "madwar sittax- (16) il sena", (ara foll 87), meta inqabdet tqila;

8.4. Illi meta l-istess omm ir-rikorrenti infurmat lill-mama` taghha bin-novita` inaspettata, din irreagixxiet billi keccieta mid-dar, (ara foll 87);

8.5. Illi konsegwenza tal-istess marret flimkien ma missier ir-rikorrenti tghix l-Inghilterra ghand Freddie Magro, hu il-missier naturali tar-rikorrenti, illum mejjet, (ara foll 87);

8.6. Illi in effetti r-rikorrenti twieled l-Ingilterra fit-8 ta' Novembru, 1964, (ara foll 5);

8.7. Illi fil-kolonna numru 4 tac-certifikat tat-twelid rilaxxat mir-Registru appozitu Ingliz, intestata *"Name, and surname of father"* ma gie registrat xejn, (ara foll 5);

8.8. Illi meta eventwalment omm ir-rikorrenti giet biex, b'sagraficcji kbar taghha u tal-missier naturali tar-rikorrenti, tirritorna Malta, bezghet tnizzel lir-rikorrenti maghha minhabba n-nies u l-genituri taghha, (ara foll 87);

8.9. Illi ghalhekk ma ratx soluzzjoni ohra hlief li thalli lil binha r-rikorrenti l-Ingilterra, (ara foll 87);

8.10. Illi r-rikorrenti tnizzel Malta minn missieru naturali meta kellu madwar sena u nofs, (ara foll 87);

8.11. Illi omm ir-rikorrenti u l-istess rikorrenti kienu jghixu ghand in-nanniet materni, (ara foll 87);

8.12. Illi n-nanna materna tar-rikorrenti u l-missier naturali tar-rikorrenti kienu ftehmu li r-rikorrenti jitrabba bhala iben in-nanniet materni kif fil-fatt sar, (ara foll 87);

8.13. Illi r-rikorrenti kien ghamel zmien twil ma jafx li l-omm naturali tieghu kienet l-imsemmija Rose Vassallo u hu kien jikkunsidrha bhala ohtu, (ara foll 87);

8.14. Illi r-rikorrenti lanqas kien jaf li kien gie adottat min-nanniet materni tieghu u sar jaf b'dan biss meta tfarfar, (ara foll 88);

8.15. Illi d-digriet tal-adozzjoni tar-rikorrenti hu datat is-7 ta' Mejju, 1981, (ara foll 6), meta allura kellu zbatax- (17) il sena, u mhux kif minnu bil-gurament indikat "... meta kien ghadu tarbija...", (ara foll 2);

8.16. Illi r-rikorrenti jsosstni:

8.16.1. Illi ommu naturali kienet kostretta taghti lil binha ghall-adozzjoni;

8.16.2. Illi l-missier naturali ma kienx konsultat dwar l-adozzjoni in kwistjoni;

8.17. Illi *nonostante* dak indikat mir-rikorrenti fil-paragrafu immedjatament precedenti, fir-rigward tal-konsultazzjoni *o meno* mal-missier naturali *de quo* jinghad pero` li l-omm naturali ssosstni li l-mama` taghha, li tidher li kienet persuna pjuttost awtoritarja, kienet xorta wahda tkellmet mal-missier naturali involut, (ara foll 87);

8.18. Illi r-rikorrenti jghid li kellu kuntatt ma' missieru naturali biss fl-ewwel ftit granet ta' hajtu, (ara foll 2), waqt li jsosstni li dejjem kellu kuntatt ma' ommu naturali, (ara foll 2), li kien iqisha bhala ohtu, (ara foll 85);

8.19. Illi r-rikorrenti beda wkoll kawza kontra l-genituri tieghu – Rikors Numru 341/2009 – ghar-ricerka tal-paternita`, fejn minn ezamijiet xjentifici ezegwiti irrizulta bi kjarezza li l-imsemmi Joseph Magro kien il-missier naturali tieghu, (ara foll 2 u 85);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi daparti tieghu d-Direttur intimat sintetikament isosstni s-segwenti:

9.1. In-nuqqas ta' kompetenza tal-qorti odjerna *rationae materiae*;

9.2. Illi l-inkartament tal-procedura tal-adozzjoni mhux accessibbli;

9.3. Illi fiz-zmien in dizamina l-kunsens tal-missier naturali ma kienx mehtieg ghall-adozzjoni;

9.4. Illi *se mai* tali procedura kellha tkun indirizzata lill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja);

Ikkunsidrat:

10. Illi jirrizulta li r-rikorrenti kien irrikorra quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) biex jitlob l-inkartament tal-adozzjoni tieghu, permezz ta' rikors datat l-24 t'April, 2014, (ara foll 113);

11. Illi l-istess rikors indikat fil-paragrafu precedenti kien dekretat fit-12 ta' Gunju, 2015, fejn gie debitament awtorizzat jitlob il-produzzjoni tal-istess quddiem il-Qorti Kostituzzjonali meta jkun il-kaz, (ara foll 114);

Ikkunsidrat:

12. Illi l-kaz in dizamina jittratta kwistjoni naxxenti minn adozzjoni – liema istitut legali hu determinat mit-Taqsima III tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili;

13. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19 li tghid li:

> "Lill-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja) ghandhom jigu assenjati dawk ir-rikorsi li jaqghu fil-kompetenza tal-Qorti Civili u li ghandhom x'jaqsmu ma':

"(a) it-Titolu III, V, VII u VIII tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili";

14. Illi konsegwentement din ir-risposta preliminari rigward l-inkompetenza *ratione materiae* sollevata mill-intimat Direttur ghandha tigi akkolta stante li t-talba indirizzata lil din il-qorti ghall-awtorizzazzjoni ghall-accessibilita` tal-inkartament tal-proceduri tal-adozzjoni ma kellhomx jigu indirizzati fil-forum prezenti;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fir-rigward tal-problematika sollevata mir-rikorrenti rigwardanti l-kunsens tal-missier naturali jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi l-artiklu 115(4)(a) tal-Kap 16 *de quo* jistipula li qabel mal-qorti taghti d-digriet tal-adozzjoni, din ghandha **tisma'** lill-missier naturali;

15.2. Illi pero`, tali obbligu jiskatta biss kemm- il darba l-istess missier naturali jkun "**gharaf b'ibnu** lill-persuna li tkun se tigi adottata jew jekk il-qorti tkun sodisfatta li jkun, ikkontribwixxa ghall-manteniment taghha jew ikun wera interess genwin u kontinwu fiha";

15.3. Illi l-missier naturali ghandu jinstema' ghajr jekk ma jkunx hemm id-dispensa *ai termini* tal-artiklu 117 tal-Kap 16 *de quo*;

Ikkunsidrat:

16. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsosstni li l-missier naturali kien irrikonoxxieh tant, li fl-ewwwel granet ta' hajtu r-rikorrenti u ommu ghamlu zmien jghixu l-Ingilterra mieghu;

17. Illi rizultat ta' dan ir-rikorrenti jsosstni li l-kunsens tal-missier kien indispensabbli ghall-validita` tal-adozzjoni tieghu;

18. Illi l-obbligu tal-qorti li tisma' lill-missier naturali qabel ma tirrilaxxa d-digriet tal-adozzjoni in dizamina jissussisti kemm- il

darba tirrizulta xi wahda mir-ragunijiet alternattivi indikati fl-artiklu 115(4) tal-Kap 16, (ara paragrafu numru hmistax punt tnejn, (15.2.), aktar qabel);

19. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* ma jistghax jinghad li l-missier naturali qatt gharaf jew irrikonoxxa lir-rikorrenti bhala ibnu skont il-ligi;

20. Illi in effetti isem il-missier naturali qatt ma gie indikat fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti;

21. Illi ma jirrizultax ukoll li l-istess missier naturali kkontribwixxa ghall-manteniment tar-rikorrenti, jew li wera xi interess genwin, kontinwu u persistenti fuq ibnu;

22.0. Illi li jirrizulta fir-rigward hu s-segwenti:

22.1. Illi l-missier naturali kellu kuntatt mar-rikorrenti fl-ewwel ftit jiem wara li twieled ir-rikorrenti, (ara foll 2 u 87);

22.2. Illi fir-rigward tal-missier naturali l-istess rikorrenti jsosstni li sakemm kiber ma kien jaf xejn fuq missieru, (ara foll 85);

22.3. Illi l-istess omm naturali tar-rikorrenti ssosstni li r-rikorrenti trabba mal-genituri taghha u li ghar-rikorrenti hi kienet qisha ohtu, (ara foll 87);

22.4. Illi l-istess rikorrenti jsosstni li n-nanniet tieghu kienu qishom ommu u missieru, mentri li l-omm naturali tieghu kien iqisha bhala ohtu, u ghadu jqisha hekk sal-lum, (ara foll 85);

23. Illi in vista tal-premess ghandu allura jkun pacifiku li sa fejn hu determinat mir-rizultanzi *in atti*, l-ebda wahda mill-kweziti alternattivi stabbiliti fl-artiklu 115(4) tal-Kap 16 su citat ma avveraw ruhhom;

24. Illi konsegwentement ma jirrizultax li l-qorti in dizamina kellha l-obbligu li tisma' lill-istess missier naturali in dizamina meta giet biex tiddetermina l-adozzjoni tar-rikorrenti;

25. Illi in vista tal-premess il-lanjanza tar-rikorrenti fir-rigward ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi fir-rigward tal-problematika sollevata mir-rikorrenti rigwardanti l-kunsens tal-persuna adottata jinghad sintetikament is-segwenti:

26.1. Illi l-artiklu 115(3)(d) tal-Kap 16 fuq riferit jirrikjedi li ma jinghatax digriet ta' adozzjoni meta l-persuna li tkun se tigi adottata tkun ghalqet l-erbatax- il sena, hlief bil-kunsens taghha – sakemm ma jkunx hemm id-dispensa fir-rigward *ai termini* tal-artiklu 117 tal-istess Kap;

26.2. Illi r-rikorrenti jsosstni li meta mar il-qorti biex jiehu gurament il-familja tieghu kienet qaltlu li kien ha jaghmel hekk ghaliex riduh ibiddel ismu ghaliex gia` kien hemm membru iehor tal-familja bl-istess isem u ghaliex ried ibiddel ic-cittadinanza, (ara foll 84 u 85);

26.3. Illi r-rikorrenti jsosstni li rrealizza li kien gie adottat meta dan il-fatt kien zvelat lilu minn terza persuna, (ara foll 84);

Ikkunsidrat:

27.0. Illi fir-rigward tal-problematika sollevata mir-rikorrenti rigwardanti l-kunsens ta' omm ir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

27.1. Illi r-rikorrenti jsosstni li l-adozzjoni tieghu kienet tinhtieg il-kunsens tal-omm naturali tieghu;

27.2. Illi l-istess isosstni li ommu qatt ma tat il-kunsens taghha fir-rigward;

28. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-insenjament tal-***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)***, fis-sentenza taghha fl-***ismijiet Emanuel Cachia vs. Direttur tas-Sigurta` Socjali***, datata t-***12 ta' Mejju, 2003***, li sosstniet is-segwenti:

> “Meta min hu msejjah biex jiggudika jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu huwa jaghmel dan fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet, sostrat dan tal-konvinciment morali tieghu. Ara decizjonijiet a ***Vol. XXXVI p.I p.319***, u fl-ismijiet ***Paul Vassallo vs. Carmelo Pace, Appell Civili, 5 ta’ Marzu, 1986*** fost bosta ohrajn”;

Ikkunsidrat:

29. Illi f’dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li l-komportament tal-omm naturali fil-vicenda kollha in dizamina hu wiehed konciljabbli mal-volonta` taghha li taghti l-kunsens taghha u taccetta, l-adozzjoni ta’ binha r-rikorrenti odjern mill-genituri taghha;

30. Illi in effetti ghall-perjodu pjuttost twil meta kemm l-omm kif ukoll ir-rikorrenti odjern kien ilhom jirrisjedu flimkien fir-residenza tal-genituri tal-istess omm li adottaw lir-rikorrenti, din qatt ma zvelat lir-rikorrenti li effettivament kienet ommu u mhux ohtu kif kien jahseb hu, (ara foll 87 u 85);

31. Illi fuq il-preponderanza tal-probabilita` jinghad li l-omm kienet tat il-kunsens taghha ghall-adozzjoni ta’ binha mill-genituri taghha;

32. Illi in effetti, il-komportament tal-imsemmija omm f’din l-istorja sfortunata ma tistax tigi spjegata b’mod iehor hlief li hi accettat u attwalment ikkonsentiet ghall-adozzjoni ta’ binha r-rikorrenti;

33. Illi *del resto*, l-istess omm ir-rikorrenti ssosstni fid-dikjarazzjoni guramentata taghha li:

    > “... jien kelli naccetta d-decizjonijiet taghha ghax ommi ma tantx kienet persuna li tista’ tirraguna maghha”, (ara foll 87);

Ikkunsidrat:

34. Illi skont l-artiklu 119(1) tal-Kap 16 precitat:

“Il-qorti qabel ma taghti digriet ta’ adozzjoni ghandha tkun sodisfatta:

(a) Illi kull persuna li l-kunsens taghha jkun mehtieg ghall-ghoti tad-digriet ta’ adozzjoni u li l-kunsens taghha ma jkunx mehlus, tkun tat il-kunsens taghha u tkun tifhem ix-xorta u l-effett tad-digriet ta’ adozzjoni li jkun sar rikors ghalih; u b’mod partikolari fil-kaz ta’ l-omm jew il-missier illi jkun jifhem illi l-effett tad-digriet ta’ adozzjoni jkun li jnehhilha jew inehhilu permanentement id-drittijiet taghha jew tieghu dwar il-persuna li tkun se tigi addotata”;

35. Illi in effetti tali kunsens jirrifletti l-posizzjoni internazzjonali fir-rigward billi kif jinghad fil-pubblikazzjoni ***“L’Adozione dei Minori nelle Legislazioni Europea”***, a kura tal-***Professoressa Adriana Beghe` Loreti, Dott. A. Giuffre` Editore – 1986*** p.28:

“Sono legittimati a dare il consenso all’adozione i genitori del minore che abbiano riconosciuto il minore o la cui paternita` o maternita` sia dichiarata guidizialmente; se vi e` un solo genitore perche` l’altro e` morto, o nell’impossibilita` di manifestare la volonta`, o e` irreperibile, o non e` legalmente riconosciuto quale genitore, e` sufficiente la sola dichiarazione di un genitore in tutti gli ordinamenti”;

36. Illi anke mill-fatt li l-omm naturali u r-rikorrenti kienu jikkonvivu u jghixu hajja *normali* ghal snin twal fir-residenza tal-genituri tal-omm naturali li kienu wkoll in-nanniet u genituri adottivi tar-rikorrenti, dan juri li l-istess omm naturali mhux biss kienet tat il-kunsens taghha skont il-ligi ghal binha izda, b’xi mod, gharfet anke tghix bl-istess decizjoni;

37. Illi fil-perjodu in dizamina, (madwar 1981), il-qorti koncernata – is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili – kienet obbligata taccerta ruhha *ai termini* tal-artiklu 119 fuq citat, (ara paragrafu numru erba’ u tletin, (34.), aktar qabel), li kull persuna involuta fl-adozzjoni in

dizamina, senjatament f'dan il-kaz, kemm l-omm naturali kif ukoll, ir-rikorrenti stess, li f'dak il-perjodu kellu l-eta` li jesprimi l-kunsens tieghu ghaliex kellu sbatax- (17) il sena, (ara artiklu 115(3)(d) tal-istess Kap 16) tkun:

> "... tat il-kunsens taghha u tkun tifhem ix-xorta u l-effett tad-digriet ta' adozzjoni li jkun sar rikors ghalih; u b'mod partikolari fil-kaz tal-omm jew il-missier illi jkun jifhem illi l-effett tad-digriet ta' adozzjoni jkun li jnehhilha jew inehhilu permanentement id-drittijiet taghha jew tieghu dwar il-persuna li tkun se tigi adottata", (ara artiklu 119(1)(a) tal-Kodici precitat);

Ikkunsidrat:

38. Illi in vista tal-premess dak li jsosstni r-rikorrenti li hu ma kienx jaf ezatt x'kienet ir-raguni li ghaliha hu kien deher quddiem is-Sekond'Awla biex jiehu gurament jew li kien ittiehed hemm jew imhabba c-cittadinanza jew imhabba t-tibdil ta' ismu, (ara foll 84), ma treggix, ma tirrizultax verosimili, u sservi biss biex jingurja l-operat tal-istess qorti;

39. Illi kif rilevat aktar qabel hu l-obbligu serju tal-istess qorti li f'dawn ic-cirkostanzi partikolari tfiehem lir-rikorrenti x'ser ikun l-effett tad-digriet tal-adozzjoni li l-procedura in kwistjoni inizjata mill-avi tar-rikorrenti kienet logikament ser twassal ghalih;

40. Illi jinghad li fir-rigward minn ezami akkurat u approfondit tal-atti procedurali xejn ma jindika li dan l-obbligu ma giex sodisfatt mill-imsemmija qorti;

41. Illi konsegwentement hi l-konkluzjoni ta' din il-qorti li ma jirrizulta xejn li b'xi mod jindika li dan l-obbligu ma kienx debitament sodisfatt mis-Sekond'Awla in dizamina;

42. Illi in effetti r-rikorrenti ma irnexxilux jipprova, lanqas sal-grad ta' probabilita`, li quddiem dik il-qorti l-partijiet koncernati fuq indikati ma kienux qed jifhmu l-effett tad-digriet tal-adozzjoni *de quo*;

Ikkunsidrat:

43.0. Illi in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ipprovax it-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

**DECIDE:**

43.1. Takkolji r-risposti kollha tad-Direttur intimat;

43.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

43.3. Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**